MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 220/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Victor Borg**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Victor Borg talli fil-25 ta’ Dicembru 2010 ghall-habta tal-5.00 a.m. fi Triq Kordin, Paola:

(1) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta’ vettura Nru. BAJ-794 fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

(2) saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru. BAJ-794 fit-triq jew f’post pubbliku wara li kkonsma tant

alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kienet izjed mil-limitu preskritt.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Victor Borg jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta’ zmien ta’ mhux inqas minn sitt xhur;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Mejju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15A u 15B tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Victor Borg hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu ghall-piena komplessiva ta’ multa ta’ elf u mitejn euro (€1200). Inoltre, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 15H(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, skwalifikat lill-istess Victor Borg milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza appellata;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Victor Borg ipprezentat fis-16 ta’ Mejju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet htija u l-piena inflitta fuqu kemm tal-multa kif ukoll l-iskwalifikazzjoni tal-licenzja tas-sewqan u/jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur u minflok ma ssibux hati ta’ l-imputazzjonijiet u tilliberah minnhom;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant jikkontesta s-sejbien ta’ htija. Jghid li r-rizultat tat-test tan-nifs intalab li jigi sfilzat quddiem l-ewwel Qorti, liema talba giet michuda. L-appellant jghid illi din it-talba saret peress illi l-persuna li ghamlet it-test ma kkonfermatx bil-gurament dak li ghamlet u b’hekk ma setghetx tigi pprezentata bhala prova. L-appellant fil-fatt rega’ ghamel talba ghall-isfilz tar-rizultat lil din il-Qorti. Konsegwentement l-appellant isostni illi t-tezi tal-prosekuzzjoni hi bazata biss fuq l-affidavit ta’ P.S. 1067 li l-appellant twaqqaf minn pulizija iehor, P.C. 969, li ma telax jixhed, u li kien hemm suspett li l-appellant seta’ kien xurban. Skond l-apepllant, ix-xiehda ta’ P.S. 1067 hija

mankanti minn diversi aspetti fil-ligi fosthom li din ma tikkostitwix l-ahjar prova, li hemm dubju ragjonevoli kemm kien il-livell ta' xorb, u li x-xhud ma qalx li xamm xi xorb qawwi imma kellu suspett li seta' kien xurban u ma kienx l-istess pulizija li waqqfu. L-appellant jghid ukoll illi parti mix-xiehda ta' P.S. 1067 mhix ammissibbli u ma tistax tigi kkunsidrata ghax mhix korroborata. Il-prosekuturipprezenta karta jew biljett, u dan mhux taht gurament, li allegatament jindika l-livell tal-alkohol liema dokument ma setax jikkonfermah bil-gurament ghax ma kienx hu li ghamel it-test.

**6.** L-ewwelnett l-appellant huwa zbaljat meta jghid li ma xehedx P.C. 969 peress illi a fol. 3 tal-process hemm l-affidavit tieghu. F'dan l-affidavit P.C. 969 Joseph Abela jghid illi fil-25 ta' Dicembru 2010 ghall-habta tal-5.00 a.m. waqt li kien ghaddej minn Triq Kordin, Rahal Gdid, innota vettura numru BAJ-794 li bdiet taqleb minn *lane* ghall-iehor bla ma kien hemm bzonn li jaqla' vetturi ohra. Peress illi gieh suspett li x-xufier ma kienx fil-kontroll shih tal-vettura, huwa qabez il-vettura u saq ftit 'il fuq, hareg mill-vettura tieghu u ghamillu sinjal biex jieqaf. Malli waqaf fil-genb, ix-xhud resaq lejn ix-xufier u kellmu, "fejn bl-azzjonijiet tieghu gieni s-suspett li seta' kien taht l-infuwenza tax-xorb". Cempel il-*control room* li qabbduh ma' l-ghassa ta' Rahal Gdid u talabhom jigu fuq il-post biex lix-xufier isirlu *breathalyser test*. L-appellant ittiehed l-ghassa ta' Rahal Gdid fejn sarlu dan it-test u r-rizultat kien ta' 42 mcg/100 ml.

**7.** Issa, S.M. 227 Joseph Chalker xehed quddiem din il-Qorti u kkonferma li quddiem l-ewwel Qorti huwa pprezenta d-Dok. PSA1 (ir-rapport tal-Pulizija) u d-Dok. PSA2 (rizultat tat-test tan-nifs). Naturalment, il-fatt li r-rizultat tat-test tan-nifs gie pprezentat minn S.M. Walker bil-gurament ma jfissirx li b'daqshekk kien qieghed jigi kkonfermat il-kontenut tieghu peress illi ma kienx hu li ha t-test. Ghalhekk il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-affidavit ta' P.S. 1067 Mario Spiteri.

**8.** P.S.1067 jghid illi fil-25 ta' Dicembru 2010 ghall-habta tal-5.00 a.m. kien xoghol l-ghassa tal-Fgura u gie nfurmat

mill-Pulizija ta’ Rahal Gdid li P.C. 969 Joseph Abela kien ghadu kemm waqqaf persuna li kienet qed issuq vettura Nru. BAJ-794 wara li x-xufier deher li kien xurban. P.S. 1067 mar l-ghassa ta’ Rahal Gdid fejn sab lill-appellant li qal li ma kienx xurban u li kien jaf x’kien qieghed jaghmel u li hu kien twaqqaf minn kuntistabbli kif wasal vicin il-kumpless Gallarija li jinsab il-Fgura. P.S. 1067 jghid li qal lill-appellant li fuq suspett li seta’ kien xurban kien se jsir il-*breathalyser test*, infurmah li kull rifjut kien ifisser ammissjoni (*sic!*), u l-appellant accetta li jsir it-test. Fil-fatt sar it-test u rrizulta li kien jaqra 42 mcg/100 ml. Inhargu kopji tat-test u l-appellant iffirma fuq kull wiehed minnhom. Kopja nghatat lill-appellant.

**9.** Din il-Qorti ezaminat id-Dok. PSA2 li jidher li jirreferi ghal Victor Borg imwieled fid-29 ta’ Awissu 1959 li kien bil-vettura BAJ-794. Il-hin tal-bidu ta’ l-analizi kien 5.57 a.m. fil-25 ta’ Dicembru 2010. Dawn id-dettalji jikkombacjaw mad-dettalji moghtija fic-citazzjoni u mix-xhieda. Inoltre mill-istess Dok. PSA2 jirrizulta illi l-ufficjal inkarigat mit-test kien proprju P.S. 1067 Mario Spiteri. Fl-affidavit tieghu P.S. 1067 ma jghidx li kien hu li ha t-test izda mill-mod kif inhu redatt l-affidavit u bit-twissija li ta lill-appellant, ifisser illi hu kien mar l-ghassa ta’ Rahal Gdid mill-ghassa ta’ Fgura bl-iskop li jaghmel il-*breathalyser test* lill-appellant. Id-dettalji tieghu fuq id-Dok. PSA2 jikkonfermaw dan. Konsegwentement id-Dok. PSA2 mhux se jigi sfilzat u qed jitqies bhala prova shiha u valida.

**10.** Ghalhekk minn dak li osserva P.C. 969 Joseph Abela dwar il-mod ta’ sewqan ta’ l-appellant l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment issib htija dwar l-ewwel imputazzjoni, filwaqt illi mix-xiehda ta’ P.S. 1067 Mario Spiteri u d-Dok. PSA2 setghet legalment u ragjonevolment issib htija dwar it-tieni imputazzjoni, b’dan li din it-tieni imputazzjoni tinsab assorbita fl-ewwel imputazzjoni. Kwindi hemm lok ta’ temperament fil-piena.

**11.** Dwar l-iskwalifika tal-licenzji, huwa minnu li s-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 15H tal-Kap. 65 jghid li b’zieda mal-pieni ndikati fis-subartikolu (1), il-Qorti ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni xi licenza tas-

sewqan fil-kaz ta' l-ewwel kundanna ghal zmien ta' mhux anqas minn sitt xhur, u fil-kaz tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna ohra warajha ghal zmien ta' mhux anqas minn sena. Pero` mbaghad il-*proviso* tas-subartikolu (2) jistipula:

**"Izda fil-kaz ta' kundanna minhabba li persuna ma kienetx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew ghal reat taht l-artikolu 15B, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ghandhom jghoddu biss fejn il-proporzjon ta' alkohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun jaqbez il-limitu preskritt bi tmien mikrogramma jew izjed fin-nifs jew b'ghoxrin milligramma jew izjed fid-demm jew bi tlieta u ghoxrin milligramma jew izjed fl-urina."**

L-artikolu 15I(1) jiddefinixxi "l-limitu preskritt" f'kaz ta' test tan-nifs bhala **"(a) 35 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs"**. Jigifieri s-subartikolu (2) japplika fejn ir-rizultat tat-test tan-nifs ikun 43 mcg/100 ml jew izjed. Fil-kaz in ezami r-rizultat tat-test li sar lill-appellant ma qabizx il-limitu preskritt bi tmien mikrogramma jew izjed ghax kien ta' 42 mcg/100 ml. Konsegwentement l-ordni ta' skwalifika sejra tithassar.

**12.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' €1200 u in kwantu ordnat l-iskwalifika milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur, tiddikjara t-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' sitt mitt euro (€600).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------